# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 97**

**Citaz. Nru. 903/99GV**

**Doc. Nru. 51-01**

**Mary Rota u b'digriet tad-9 ta' Gunju, 1998 konfermata bhala kuratrici deputata biex tirraprezenta lill-assenti Joanne Vis nee' Rota**

**vs**

**Mary Camilleri u zewgha l-Kurunell Edwin Camilleri**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi kontestwalment l-attrici nomine qed tipprezenta citazzjoni biex tigi revokata u ritratta l-kawza fl-ismijiet "Mary Camilleri et vs Mary Rota nomine", citazzjoni numru 1549/93 deciza fid-19 ta' Frar, 1999 billi din kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza;

Premess illi l-attrici qed tannetti l-infraskritta garanzija ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza, jekk din ma tigix imhassra - Dok. A;

Premess illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza tikkaguna pregudizzju akbar lill-attrici milli lill-konvenuti kemm il-darba l-ezekuzzjoni tigi sospiza;

L-attrici nomine talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tad-19 ta' Frar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet "Mary Camilleri et vs Mary Rota nomine", citazzjoni numru 1549/93, billi l-ezekuzzjoni tikkaguna pregudizzju akbar lill-attrici milli lill-konvenuti, jekk ma tigix ezegwita.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 11 tal-process fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament l-illegittimita' tal-persuna ta' l-attrici ghaliex id-digriet tan-nomina ta' kuratur kien wiehed ta' legitimazzjoni passiva u mhux attiva u konsegwentement in-nullita' tac-citazzjoni;

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inidoneita' tal-garanzija u tal-garanti u qed issir oggezzjoni wkoll a tenur ta' l-art. 893 tal-Kodici ta' Procedura Civili u fi kwalunkwe kaz ma gewx osservati r-rekwiziti ta' l-art. 266 tal-Kodici ta' Procedura Civili - dan iwassal ghan-nullita' tac-citazzjoni;

3. Illi l-esponenti jindika lill-Qorti illi r-ritrattazzjoni m'hijiex *'il terzo appello'* jew rimedju meta jiskadi t-terminu ta' l-appell, izda huwa rimedju eccezzjonali fejn ir-regola u l-massima hija illi t-talba ghal ritrattazzjoni m'ghandiex tkun ta' ostakolu ghall ezekuzzjoni tas-sentenza li qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha. Eccezzjonalment, il-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tas-sentenza impunjata taht diversi cirkostanzi fosthom

illi jigi stabilit ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-ezekuzzjoni ser iggib pregudizzju akbar ghall parti li ser issofri l-ezekuzzjoni milli ser isofri l-ezekutant bis-sospensjoni - art. 823 tal-Kodici ta' Procedura Civili - f'dan il-kaz l-esponenti jghid illi l-attrici ma toqghodx fil-fond u ma ser issofri ebda pregudizzju irrimedjabbli.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti: tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza tad-19 ta' Frar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Mary Camilleri et vs Mary Rota noe Citaz. Nru. 1549/93 billi l-esekuzzjoni taghha tikkaguna pregudizzju akbar lill-attrici milli lill-konvenuti jekk ma tigix esegwita.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew: l-illegittimita' tal-persuna ta' l-attrici ghaliex id-digriet tan-nomina ta' kuratur kien wiehed ta' legittimazzjoni passiva u mhux attiva u konsegwentement in-nullita' tac-citazzjoni; l-idoneita' tal-garanzija u tal-garanti u qed issir oggezzjoni wkoll a tenur ta' l-art 893 tal-Kap 12 u fi kwalunkwe kaz ma gewx osservati r-rekwiziti ta' l-art 266 tal-Kap 12 u dan iwassal ghan-nullita' tac-citazzjoni; r-ritrattazzjoni mhiex "*il terzo appello*" jew rimedju meta jiskadi t-terminu ta' l-appell izda hu rimedju eccezzjonali, fejn it-talba ghar-ritrattazzjoni m'ghandiex tkun ta' ostakolu ghall-esekuzzjoni tas-sentenza li qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha. Eccezzjonalment il-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tas-sentenza impunjata taht diversi cirkostanzi

fosthom illi jigi stabilit ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-esekuzzjoni ser iggib pregudizzju akbar ghal-parti li ser issofri l-esekuzzjoni milli ser isofri l-esekutant bis-sospensjoni - art 823 tal-Kap 12. F'dan il-kaz l-eccipjenti tghid li l-attrici ma toqghodx fil-fond u ma ser issofri ebda pregudizzju irrimedjabbli.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi din il-kawza kienet miexja mal-kawza bejn l-istess partijiet numru 902/99/GV deciza llum stess.

In vista ta' decizjoni f'dik is-sentenza, it-talba f'din il-kawza ma tistax tigi milqugha ghall istess ragunijiet imsemmija f'dik is-sentenza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attrici noe.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**